# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, l-Erbgha 6 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 47.**
**Citazz. Nru. 1609/00 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Maurice u Victoria mizzewgin VASSALLO EMINYAN**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni mressaq fl-1 t'Awissu, 2000, li bih il-Bank attur ippremetta:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facilities" lill-konvenuti Maurice u Victoria mizzewgin Vassallo Eminyan;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Maurice u Victoria mizzewgin Vassallo Eminyan fl-ammont ta' sitt elef u seba' mitt liri maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm6,700.85) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tal-konvenuti Maurice u

Victoria mizzewgin Vassallo Eminyan mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A", Dok "B1 sa B36" u Dok "C1 sa C40") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenuti Maurice u Victoria mizzewgin Vassallo Eminyan gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru, 1999 li qed tigi hawn esebita u markata Dok "D" sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti Maurice u Victoria mizzewgin Vassallo Eminyan jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef u seba' mitt liri maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm6,700.85) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tal-konvenuti Maurice u Victoria mizzewgin Vassallo Eminyan mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A", Dok "B1 sa B36 u Dok "C1 sa C40"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru, 1999 (Dok "D") u tal Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Bank attur flimkien mad-disgha u sebghin (79) dokument mehmuzin maghha;

Rat in-Nota mressqa fl-1 ta' Dicembru, 2000, li biha l-imharrkin mizzewgin Vassallo Eminyan eccepew:

1. Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub huwa wiehed ezorbitanti;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imharrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda tas-Socjeta' attrici;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-Degriet taghha tas-27 ta' Marzu, 2001, u tas-17 ta' Mejju, 2001, li bihom halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi mill-provi mressqa mill-Bank attur jidher li l-imharrek nghata tliet (3) facilitajiet ta' self f'okkazjonijiet differenti;

Illi l-ewwel facilita' ta' self mahruga lill-imharrek infethet fis-sitta (6) ta' Marzu, 1996, [Dok "A", f'pagna 5 tal-process] li matulu jidher li l-imharrek wettaq biss zewg hlasijiet li jammontaw b'kollox ghal erba' mija u hamsin lira maltin (Lm450) wara li kien gibed Lm1,582.82, b'mod li sa Marzu tal-2000 kien dovut lill-Bank l-ammont ta' elf sitt mija u tnejn u hamsin liri maltin u sitta u erbghin centesmu (Lm1652.46);

Illi t-tieni facilita' nghatat lill-imharrek fit-tnax (12) ta' Marzu ta' dik l-istess sena, [Dok "B", f'pagni 6 sa 41] liema facilita' l-imharrek jidher li zamm f'postha sa nofs is-sena ta' wara [Dok "B20", f'pagna 25] meta mbaghad waqaf jeffettwa hlasijiet fil-Kont, tant li, sa Marzu tal-2000, kien dovut lill-Bank l-ammont ta' erba' mija u tnejn u tmenin lira maltin u tmienja u tletin centesmu (Lm482.38);

Illi l-imharrek inghata t-tielet facilita' fis-sbatax (17) ta' Dicembru, 1996, [Dok "C", pagni 42 sa 81], li tahtu, sa Gunju tal-2000, kien jidher li kellu jhallas lill-Bank attur erbat elef hames mija u sitta u sittin liri maltin u centesmu (Lm4566.01);

Illi wara l-1998, ma jidhirx li l-imharrek wettaq xi hlas iehor in konsiderazzjonijiet tal-facilitajiet moghtija lilu;

Illi l-Bank attur jidher li beda jfittex lill-imharrkn bil-Qorti biex ihallsu dak lilu dovut f'Dicembru, 1999 [Dok "D", f'pagni 83-84];

Illi l-Bank attur ikkonferma li l-ammont li kien dovut lilu fiz-zmien li nfethet il-kawza ma thallas xejn minnu sallum (ara xhieda P.L. Joseph Zammit f'pagna 96 tal-process). Min-naha l-ohra, l-imharrkin ressqu kontestazzjoni ghat-talba attrici fin-Nota tal-Eccezzjonijiet taghhom, fis-sens li qalu li l-ammont mitlub mill-Bank attur "huwa wiehed ezorbitanti";

Illi, madankollu, ghajr ghal-fatt li l-imharrkin tennew din il-kontestazzjoni fid-Dikjarazzjoni mahlufa minnhom, la fissru b'liema mod it-talba attrici kienet wahda ezorbitanti u lanqas ressqu xiehda matul is-smigh tal-kawza minkejja li nghatatilhom opportunita' li jressqu l-provi matul il-kawza;

Illi, fil-waqt li l-principju ta' min jallega jehtieglu jressaq provi biex isejjes tali allegazzjoni, jinghad illi l-imharrkin rmew din l-opportunita' lilhom moghtija u, kontra l- provi dokumentali u mfissra kif imiss imressqin mill-Bank attur, naqsu li jaghtu mqar raguni wahda ghaliex il-kontestazzjoni taghhom kellha titqies misthoqqa;

Illi, ghalhekk, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

Tilqa' l-**ewwel talba attrici** u ghalhekk tikkundanna lill-imharrkin mizzewgin Vassallo Eminyan flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' sitt elef u seba' mitt lira maltin u hamsa u tmenin centesmu (Lm6700.85) minnu mitluba, bhala bilanc ghad-debitu ta' self maghmul lill-imharrek kif imfisser 'il fuq, flimkien mal-imghax ulterjuri fuq dik is-somma b'effett mill-1 t'April, 2000, sal-jum tal-hlas effettiv;

Tikkundanna lill-imharrkin ihallsu wkoll l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk tal-atti kawtelatorji mahruga kontra taghhom.

6 *ta' Gunju, 2001.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**6 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Gunju, 2001.**

[